# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 4:** Jitwieled għalina

**Lezzjoni 4.4:** Il-Paċi Fid-Dinja

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jagħrfu kemm hi kerha l-mibegħda.
2. Jitgħallmu kemm hija importanti l-paċi li hija tant marbuta ma' dan iż-żmien.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Kant: vidjow: Heal the World - Kids of Pop

http://www.youtube.com/watch?v=0pMMikZYBB0&list=RD02NwegQfRnkb0

- Karta ta' taħriġ 4.4.



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Fakkar l-istorja tal-1914. Staqsi: X'ġara? X'baqa' jissemma? Għid lill-istudenti li ġieli ninzertaw xi diskussjoni fuq it-televixin, b'xi nies jitkellmu fuq il-gwerer u l-pika.
- Staqsi għala l-Maltin, meta aħna nisimgħu xi aħbar fuq l-aħbarijiet li jkollha x'taqsam mat-terrorożmu, nirraġunaw kif jaqbel lilna, iġifieri l-ewwel nikkonsidraw, jekk mhux ser jolqot il-but tagħna jew l-ekonomija tal-pajjiż. Fakkar li dan l-aħħar naqas ukoll il-volontarjat u qabel konna nesportaw lejn pajjiżi fejn hemm il-ġuħ u l-għaks.
- Spjega kif il-paċi fid-dinja mhix xi ħaġa impossibbli għall-fatt li f'qalbu kulħadd iħobb jew kien iħobb lil xi ħadd għażiż għalih. Staqsi: Allura għalfejn insibuha bi tqila biex inħobbu u nirrispettaw lil dawk ta' madwarna?

## Nisimgħu flimkien (actual lesson)



- Spjega lill-istudenti dan li ġej:

Biex inwaqqfu l-gwerer, l-ewwel ma rridu nagħmlu huwa li nitgħallmu kif nirrispettaw lil kulħadd u nirrispettaw ukoll l-opinjoni tiegħu. Wara kollox kulħadd f'dinja waħda qiegħed u kulħadd xi darba jew oħra jrid iċedi postu għal dawk ta' warajh. Allura nifhimha jien, mhux aħjar jekk dan il-ftit tal-ħin li għandna mislufin hawn ngawduh billi nħobbu lil xulxin hekk kif Alla iħobb lilna?

Il-gwerer jibdew minn xi persuna taħseb li hija kbira biżżejjed biex tikkontrolla kollox u lil kulħadd. Il-kawża ta' disgwid hija kas ta' għira u pika - li għalkemm wieħed ikollu kollox ma jkollux l-iktar ħaġa essenzjali tal-ħajja li hija l-imħabba lejn ħaddiehor.

- Semmi  l-imħabba. Spjega li jekk persuna ma jkollhiex imħabba ġewwa qalbha, allura hija diffiċli ħafna sabiex wieħed isib il-paċi ma' ħaddieħor. Irridu wkoll nitgħallmu naċċettaw lil dawk ħutna, wara kollox kulħadd jista' jgħin lil kulħadd, innaqqsu d-diskriminazzjoni u nittolleraw iktar lil dawk li ma tantx naqblu magħhom.
  Il-ħajja qasira wisq u jien l-ewwel wieħed miniex beħsiebni naħliha niġġieled ma' dawk ta' madwari u ninpika miegħi nnifsi u nispiċċa ddisprat tul għomri kollu.
- Emfasizza: La ġejna maħluqin ilkoll mill-istess trab ħadd minna ma jogħla wieħed fuq l-ieħor. Aħsbu l-ħin kollu f'qalbkom kif intom inħlaqtu. Ladarba aħna nħlaqna kollha bl-istess mod, jeħtieġ li nkunu bħal ruħ waħda, nimxu b' saqajn, nieklu b' ħalq u ngħixu fl-istess art, biex, minn għemilna u mġibitna nintagħrfu  minn xulxin. Il-Mulej Ġesù b'hekk ġie, ma qagħadx jgħid għax suwed, għax bojod, għonja jew foqra. Hu ġie għal kulħadd.
- Tkellem mal-istudenti dwar is-sbuħija li biha ħalaqna l-Mulej Alla.
- Staqsi: Għaliex il-bnedmin m'għandhomx l-istess kulur tal-ġilda? Għaliex it-temp f'postijiet fid-dinja mhux l-istess?
- Fakkar lill-istudenti li kollox hu magħmul sew biex il-bnedmin jgħixu fil-paċi magħqudin.
- Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 4.4 . Aqra s-silta mogħtija u pproġetta jew ikteb il-kelma 'Paci' u ħalli lit-tfal jiddiskutu. Wara jniżżlu r-risposti fil-ktieb.
- Stieden lill-istudenti biex fuq bażi ta' klassi jgħaqqdu Attività B.
- Aqra Attività C u wara d-diskussjoni  fakkar li għalkemm mhux kulħadd jogħġobna, aħna rridu nġibu ruħna tajjeb ma kulħadd. Spiċċa bil-kanzunetta.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Alla bagħat lil ibnu l-waħdieni biex lilna jgħaqqadna bħala familja waħda.
2. Lilna jrid jarana ngħixu fil-paċi bla mibegħda għal xulxin.
3. Alla jħobbna aħna kif aħna.
4. Ngħidu 'grazzi' lill-Bambin Ġesù li ġie fid-dinja minħabba fina.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**




Niftakru li Ġesù twieled għalina. Huwa ħalaqna għax iħobbna. Għalhekk irridu nħobbu lil xulxin u nkunu paċi ma' xulxin.

Għalhekk nieħdu ħsieb li ngħidu 'le' għall-gwerer!

**Ejja naħdmu biex nieħdu ħsieb l-għaqda ta' bejnietna.**

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Uża worksheet tal-kanzunetta:

http://www.youtube.com/watch?v=0pMMikZYBB0&list=RD02NwegQfRnkb0



**Nitolbu**

Agħmel, Mulej, li nżommu d-dinja magħquda kif tixtieq Int. Għinna ngħidu 'le' għall-gwerer u ngħidu 'iva' għall-paċi.

Hekk id-dinja tkun ħielsa mill-mibegħda u mgħaqqda fil-paċi. Grazzi.



Ammen.